PDF Compressor Pro

Nru.

MINISTERU GĦAT-TRASPORT U L-INFASTRUTTURA

Għotja mill-Gvern fuq Xiri ta' Vetturi li Jagħmlu Inqas Ħsara lill-Ambjent

Il-Ministeru għat-Trasport u l-Infastruttura, flimkien ma' Transport Malta, se jniedi skema oħra ta' għotja ta' flus biex jinċentiva x-xiri ta' vetturi ġodda M1 li jagħmlu inqas ħsara lill-ambjent u fl-istess waqt jitnaqqsu l-vetturi qodma mit-triq.

Soġġetta għal diversi kondizzjonijiet, l-għotja tammonta għal bejn €500 u €900 li tingħata meta tinxtara vettura fil-kategorija M1 li tkun tikkwalifika għall-iskema filwaqt li titħassar ir-reġistrazzjoni ta' vettura qadima tal-istess kategorija.

L-iskema daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Jannar, 2014 fuq bażi tal-ewwel jinqeda l-ewwel.

L-ISKEMA

1. Interpretazzjoni

Għall-finijiet ta' din l-iskema, sakemm ir-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra:

'applikant' tfisser il-persuna li tkun qiegħda tapplika għall-għotja taħt din l-iskema u li, filwaqt li tkun persuna li hi residenti Malta, tkun ix-xerrej ta' vettura ġdida M1 kif imfissra hawn taħt;

'applikazzjoni' tfisser l-applikazzjoni li ssir għal għotja taħt din l-iskema;

'faċilità ta' trattament awtorizzata" għandha l-istess tifsira mogħtija lilha fir-Regolamenti dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur (LS368.02);

'l-Awtorità' tfisser l-Awtorità għat-Trasport f'Malta stabbilita taħt id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta (Kap. 499);

'ċertifikat ta' konformità' tfisser id-dokument stabbilit fl-Anness IX tad-Direttiva 2007/46/KE, maħruġ mill-manifattur u li jiċċertifika li vettura li tappartjeni għas-serje tat-tip approvat skont dik id-Direttiva tikkonforma mal-atti regolatorji kollha fil-mument tal-produzzjoni tagħha;

'emissjonijiet CO_2' tfisser il-livell ta' emissjonijiet ta' dijossidu tal-karbonju għal vettura mkejjel skont id-Direttiva 80/1268/KEE kif emendata u li jkun jinsab fiċ-ċertifikat tal-KE

No.

MINISTRY FOR TRANSPORT AND INFRASTRUCTURE

Government Grant on the Purchase of Environment-friendly Vehicles

The Ministry for Transport and Infrastructure in conjunction with Transport Malta will be launching another grant scheme to incentivise the purchase of new M1 motor vehicles whilst at the same time reducing the number of old motor vehicles from the road.

Subject to various conditions, the grant will vary between €500 and €900 which shall be given upon the purchase of a new motor vehicle M1 that qualifies for the grant scheme whilst at the same time de-registering a vehicle in the same category.

The scheme commenced on the 1st January, 2014 on a first come first serve basis.

THE SCHEME

1. Interpretation

For the purpose of the scheme, unless the context otherwise requires:

'applicant' means the person applying for the grant under this scheme and who, apart from being a person residing in Malta, is the purchaser of a new M1 vehicle as defined hereunder,

'application' means the application made for a grant under this scheme;

'authorised treatment facility' has the same meaning as assigned to it in the Registration and Licensing of Motor Vehicles Regulations (SL368.02);

'Authority' means the Authority for Transport in Malta set up under the provisions of the Authority for Transport in Malta Act (Cap. 499);

'certificate of conformity' means the document set out in Annex IX of Directive 2007/46/EC, issued by the manufacturer and certifying that a vehicle belonging to the series of the type approved in accordance with that Directive complied with all regulatory acts at the time of its production;

'CO2 emissions' means the level of carbon dioxide emissions for a vehicle measured in accordance with Directive 80/1268/EEC as amended and contained in

PDF Compressor Pro

ta' approvazzjoni tat-tip jew fiċ-ċertifikat tal-KE ta' konformità relevanti, u fejn il-vettura ma' tkunx tat-tip approvat, għal dik il-vettura parikolari l-livelli ta' emissjonijiet li jkunu jidhru f'dokument li jkun aċċettabbli għall-Awtorità;

'negozjant' jew 'aġent' tfisser persuna jew entità awtorizzata biex timporta, tbiegħ jew tixtri vetturi bil-mutur;

'tneħħiet mir-reġistrazzjoni' tfisser, għall-fini ta' din l-iskema, it-tneħħija permanenti ta' vettura mir-reġistrazzjoni tagħha ma' Transport Malta u wara li jsir hekk, dik il-vettura ma tistax terġa' tiġi rreġistrata biex tintuża fuq it-triq f'Malta;

'vettura li tneħħiet mir-reġistrazzjoni' tfisser vettura bil-mutur li tneħħitilha r-reġistrazzjoni;

'l-Unjoni Ewropea' għandha l-istess tifsira mogħtija lilha fl-artikolu 2 tal-Att dwar l-Unjoni Ewropea (Kap. 460), u tinkludi n-Norveġja, l-Islanda u Liechtenstein;

'għotja' tfisser l-għotja li qiegħda tingħata taħt din l-iskema lix-xerrej ta' vettura li tkun tissodisfa r-rekwiżiti tal-paragrafu 4(ii);

'Malta' tfisser il-gżejjer Maltin;

'Stat Membru' tfisser Stat Membru tal-Unjoni Ewropea;

'Ministru' tfisser il-Ministru responsabbli għat-trasport;

'vettura M1' tfisser, għall-finijiet ta' din l-għotja, vettura bil-mutur użata għall-ġarr ta' passiġġieri, li tista' ġġorr mhux aktar minn tmien passiġġieri minbarra x-xufier, li l-emissjonijiet CO_2 tagħha ma jeċċedux 150g/km u li ma tkunx itwal minn 4460mm kif muri fiċ-ċertifikat ta' konformità u li tinħarġilha liċenzja għal użu privat biss;

'vettura bil-mutur ġdida' tfisser vettura M1 li qatt ma tkun ġiet irreġistrata qabel f'ebda pajjiż;

'persuna' tfisser persuna fiżika;

'persuna residenti f'Malta' tfisser persuna fiżika li jkollha dokument ta' identifikazzjoni legalment validu maħruġ skont l-Att dwar il-Karta tal-Identità u Dokumenti oħra tal-Identità (Kap. 258) jew li jkollha permess ta' residenza jew ittra maħruġa mill-uffiċċju tal-espatrijazzjoni fil-Ministeru għall-Affarijiet Barranin;

'użu privat' tfisser kull użu li ma jkunx għal kiri jew kumpens jew għal akkwist finanzjarju;

the relevant EC type-approval certificate or certificate of conformity, and where the vehicle is not type-approved, for that particular vehicle the emissions level contained in a document acceptable to the Authority;

'dealer' or 'agent' means a person or entity authorised to import, sell or buy motor vehicles;

'de-registered' means, for the purpose of this scheme, the permanent removal of a motor vehicle from its registration with Transport Malta and thereafter, that motor vehicle shall never be registered again to be used on the road in Malta;

'de-registered vehicle' means a motor vehicle which has been de-registered;

'European Union' has the same meaning as is assigned to it by article 2 of the European Union Act (Cap. 460), and includes Norway, Iceland and Liechtenstein;

'grant' means the grant being given under this scheme to the purchaser of a motor vehicle which satisfies the requirements of paragraph 4 (ii);

'Malta' means the islands of Malta;

'Member State' means a Member State of the European Union;

'Minister' means the Minister responsible for transport;

'M1 vehicle' means, for the purpose of this scheme, a new motor vehicle used for the carriage of persons and which may carry no more than eight passengers in addition to the driver, the CO2 emissions of which do not exceed 150g/km and its length does not exceed 4460mm as certified on the certificate of conformity, and is licensed for private use only;

'new motor vehicle' means an M1 vehicle which has never been registered in any country;

'person' means a natural person;

'person residing in Malta' means a natural person who either holds a legally valid identification document issued in terms of the Identity Card and other Identity Documents Act (Cap. 258) or who has a residence permit or a letter issued from the expatriate office at the Ministry of Foreign Affairs;

'private use' means any use other than for hire or reward or financial gain;

PDF Compressor Pro

‘xerrej’ tfisser il-persuna li tkun qiegħda tixtri vettura ġdida minn xi pajjiż ieħor jew mingħand l-aġent jew negozjant, li dik il-vettura tiġi reġistrata f’isimha f’Malta u li tkun l-applikant għall-għotja taħt din l-iskema.

‘sid irreġistrat’ tfisser il-persuna li f’isimha vettura tkun ġiet irreġistrata mill-Awtorità;

‘taxxa ta’ reġistrazzjoni’ tfisser it-taxxa ta’ reġistrazzjoni mitluba u miġbura skont l-Att dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta’ Vetturi bil-Mutur (Kap. 368);

‘bejjiegħ’ tfisser aġent jew negozjant kif imfisser taħt din l-iskema;

‘vettura użata’ tfisser vettura bil-mutur li tkun diġà rreġistrata;

‘ċertifikat tar-reġistrazzjoni tal-vettura’ tfisser iċ-ċertifikat ta’ reġistrazzjoni ta’ vettura maħruġ mill-Awtorità li jiċċertifika li l-vettura bil-mutur hija rreġistrata;

2. Għal min tapplika l-iskema

2.1 L-iskema għal għotja ta’ bejn €500 u €900 fuq xiri ta’ vettura M1 tapplika għal persuni residenti f’Malta li:

(i) għandhom vettura M1 li għandha mill-anqas 10 snin mid-data tal-manifattura tagħha, sakemm vettura bħal dik:

(a) tkun ilha rreġistrata, iggaraxxjata jew kellha liċenzja maħruġa mill-Awtorità f’isem l-applikant qabel l-4 ta’ Novembru, 2013.

(b) tibqa’ hekk irreġistrata jew iggaraxxjata jew bil-licenzja sad-data tal-applikazzjoni għall-għotja, u

(ċ) tiġi mneħħija mir-reġistrazzjoni fil-ħin tar-reġistrazzjoni tal-vettura l-ġdida;

jew

(ii) ma kellhomx xi vettura bil-mutur (kategorija M1) irreġistrata, iggaraxxjata jew b’liċenzja f’isimhom mal-Awtorità fl-4 ta’ Novembru, 2013, imma li akkwistaw vettura M1 li ġiet irreġistrata, garaxxjata jew inħarġitilha liċenzja f’isimhom mill-Awtorità wara dik id-data u li jkollha mill-inqas 10 snin mis-sena tal-manifattura, sakemm dik il-vettura titneħħa mir-reġistrazzjoni fil-ħin tar-reġistrazzjoni tal-vettura M1 ġdida.

2.2 Għotja ta’

a) €900 tingħata lil persuna li tirreġistra vettura M1 ġdida b’livelli ta’ emissjonijiet CO_2 sa 100g/km;

‘purchaser’ means the person buying the new vehicle from another country or from the local agent or dealer, having that vehicle registered in his name and being the applicant for the grant under this scheme;

‘registered owner’ means the person in whose name a motor vehicle is registered by the Authority;

‘registration tax’ means the registration tax charged and levied in terms of the Motor Vehicles Registration and Licensing Act (Cap. 368);

‘seller’ means an agent or dealer as defined under this scheme;

‘used motor vehicle’ means a motor vehicle that has been registered;

‘vehicle registration certificate’ means the vehicle registration certificate issued by the Authority providing proof of registration of the motor vehicle.

2. Area of applicability

2.1 The scheme for a grant between €500 and €900 for the purchase of an M1 vehicle applies to a person residing in Malta who:

(i) owns an M1 vehicle which is at least 10 years old from year of manufacture, provided that such vehicle;

(a) shall have been registered, garaged or licensed with the Authority in the applicant’s name prior to the 4th November, 2013.

(b) shall continue to be so registered, garaged or licensed until the date of application for the grant, and

(c) is de-registered at the time of the registration of the new vehicle;

or

(ii) did not have any motor vehicle (M1 category) registered, garaged or licensed in his name with the Authority on the 4th November, 2013, but who has acquired and has registered, garaged or licensed in his name with the Authority an M1 vehicle which is at least 10 years old from year of manufacture after that date, provided that it is de-registered at the time of the registration of the new M1 vehicle

2.2. A grant of

a) €900 will be given to persons registering a new M1 vehicle with CO2 emission levels up to 100g/km,

PDF Compressor Pro

b) €700 tingħata lil persuna li tirreġistra vettura M1 ġdida b'livelli ta' emissjonijiet CO_2 bejn 101g/km u 130g/km u

c) €500 tingħata lil persuna li tirreġistra vettura M1 ġdida b'livelli ta' emissjonijiet CO_2 bejn 131g/km u 150g/km.

Kull persuna eliġibbli tkun intitolata għal għotja waħda biss taħt din l-iskema.

3. Kif għandha ssir l-applikazzjoni u d-dokumenti li għandhom jiġu ppreżentati.

(i) Applikazzjoni għal għotja taħt din l-iskema għandha ssir mix-xerrej wara l-ħruġ ta' fattura mill-aġent/negozjant lix-xerrej fil-formola stabbilita fl-iskeda li tinsab ma' din l-iskema u għandu jkun fiha dak it-tagħrif, dettalji u dokumenti kollha kif meħtieġa fl-imsemmija formola u skont din l-iskema.

(ii) Mal-applikazzjonijiet għandhom jiġu ppreżentati d-dokumenti li ġejjin:

(a) il-fattura maħruġa mill-aġent/negozjant lix-xerrej, li tkun turi l-isem sħiħ u n-numru tal-karta tal-identità tax-xerrej, flimkien man-numru taċ-*chassis* tal-vettura;

(b) kopja taċ-Ċertifikat ta' Konformità, li jkun juri n-numru taċ-*chassis*, l-emissjonijiet CO_2 u l-*istandard* Euro tal-vettura;

(ċ) dokument ta' identifikazzjoni legalment validu tal-applikant jew permess ta' residenza jew ittra maħruġa mill-uffiċċju tal-espatrijazzjoni;

(d) dikjarazzjoni mix-xerrej fejn turi l-ammont ta' għotja li ngħata minn Transport Malta (applikabbli biss meta il-vettura ġiet impurtata jew miġjuba mix-xerrej) ;

(e) ċertifikat temporanju maħruġ mill-faċilità ta' trattament awtorizzata li jkun jiċċertifika li l-vettura tkun ġiet meqruda fil-faċilità ta' trattament awtorizzata.

(iii) Applikazzjonijiet taħt din l-iskema, flimkien mad-dokumenti kollha relevanti, għandhom jiġu ppreżentati jew mibgħuta mill-aġent jew negozjant f'isem l-applikant lit-Taqsima tal-Liċenzjar ta' Sewwieqa u Vetturi, Hornworks Ditch, Floriana, Sala Ċ, bejn is-7.30 a.m. u t-3.00 p.m. fil-ġranet tax-xogħol, flimkien mad-dokumenti u ċertifikati relevanti l-oħra kollha meħtieġa għar-reġistrazzjoni tal-vettura.

4. Eliġibbiltà

(i) Biex ikun eliġibbli, applikant għandu jkun konformi jew mas-subtaqsima 2.1 jew mas-subtaqsima 2.2 tat-Taqsima 2.

b) €700 will be given to persons registering a new M1 vehicle with CO2 emission levels between 101 and 130g/km and

c) €500 will be given to persons registering a new M1 vehicle with CO2 emissions between 131g/km and 150g/km.

Every eligible person shall be entitled to only one grant under this scheme.

3. Manner of application and supporting documents

(i) An application for a grant under this scheme shall be made by the purchaser following the issue of an invoice by the agent/dealer to the purchaser, in the form set out in the schedule to this scheme and shall contain all the information, details and documents as required in the said form and in terms of this scheme.

(ii) Applications shall be accompanied by the following documents:

(a) the Invoice issued by the agent/dealer to the purchaser, detailing the full name and identity number of the purchaser, together with the chassis number;

(b) copy of the Certificate of Conformity, detailing the chassis number, CO2 emissions, length and Euro standard of the vehicle;

(c) copy of a legally valid identification document of the applicant or a residence permit or letter issued by the expatriate office;

(d) declaration by the purchaser stating the amount of grant received from Transport Malta (applicable only where the vehicle has been imported or brought by the purchaser);

(e) a temporary destruction certificate issued by the approved destruction facility certifying that the vehicle has been destructed in the approved destruction facility.

(iii) Applications under this scheme, together with all the relevant documents, shall be submitted/sent by the agent or dealer on behalf of the applicant to the Driver and Vehicle Licensing Unit, Hornworks Ditch, Floriana, Hall C, between 7.30 a.m. and 3.00 p.m. during working days, together with all other relevant documents required for the registration of the vehicle.

4. Eligibility

(i) To be eligible, an applicant shall conform to sub-section 2.1 or 2.2 of Section 2.

PDF Compressor Pro

(ii) Biex tikkwalifika, vettura bil-mutur ġdida:

(a) għandha tkun Euro 5b (karattru J jew K) jew Euro 6b (karattru T jew W) kont ir-Regolament (KE) Nru 692/2008 kif muri fiċ-ċertifikat ta' konformità;

(b) għandu jkollha emissjonijiet CO_2 li ma jeċċedux 150 g/km kif muri fiċ-ċertifikat ta' konformità;

(ċ) ma tkunx itwal minn 4460mm kif muri fiċ-ċertifikat ta' konformità;

(d) ma tkunx ġiet reġistrata qabel l-1 ta' Jannar, 2014;

(e) tkun għal użu privat.

(iii) Biex tikkwalifika, vettura li tkun se titneħħa mir-reġistrazzjoni:

(a) ikollha mill-anqas għaxar (10) snin fid-data meta ssir l-applikazzjoni, bl-età tal-vettura tiġi ddeterminata billi mis-sena kalendarja fid-data meta ssir l-applikazzjoni titnaqqas is-sena tal-manifattura murija fiċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni tal-vettura;

(b) għandha tkun irreġistrata jew garaxxjata u nħarġitilha liċenzja mill-Awtorità f'isem l-applikant fid-data tal-applikazzjoni kif ikun juri ċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni tal-vettura jew kif kkonfermat mill-Awtorità;

(ċ) tkun trid tiġi mneħħija mir-reġistrazzjoni qabel ma tiġi rreġistrata l-vettura ġdida;

(d) la darba titneħħa mir-reġistrazzjoni, il-vettura għandha tiġi skrappjata skont id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima VIII tar-Regolamenti dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur (LS368.02).

(iv) Biex jikkwalifika, applikant ma jridx ikun ibbenefika minn xi għotja konnessa mal-iskemi fuq xiri ta' vetturi li jagħmlu inqas ħsara lill-ambjent li kienu fis-seħħ matul is-snin 2010, 2011, 2012 u 2013.

(v) L-għotja li tingħata lix-xerrej m'għandhiex titqies bħala dħul għall-finijiet tal-*income tax*.

5. Ħlas tal-għotja

Fejn l-applikant jikkwalifika għall-għotja, l-ammont tal-għotja jitnaqqas minn Transport Malta mill-ammont ta' taxxa tar-reġistrazzjoni li tkun dovuta fuq dik il-vettura partikolari li tkun qiegħda tiġi rreġistrata f'isem ix-xerrej. L-ammont li jkun tnaqqas mit-taxxa tar-reġistrazzjoni jiġi kopert permess ta' trasferiment ta' ammont ekwivalenti.

(ii) To qualify, the new (M1) motor vehicle shall:

(a) be Euro Standard 5b (character J or K) or 6b (character T or W) in accordance with Regulation (EC) 692/2008 as certified on the Certificate of Conformity;

(b) have CO2 emissions which do not exceed 150 g/km as certified on the Certificate of Conformity;

(c) have a length that does not exceed 4,460mm as certified on the Certificate of Conformity;

(d) not have been registered before the 1st January 2014;

(e) be licensed for private use.

(iii) To qualify, the motor vehicle to be de-registered shall:

(a) be at least ten (10) years old on the date of application, the age of the vehicle being determined as the calendar year as on the date of application less the year of manufacture as certified on the vehicle registration certificate;

(b) have been registered, garaged or licensed with the Authority in the name of the applicant on the date of application, as shown on the vehicle's registration certificate or as confirmed by the Authority;

(c) be de-registered prior to the registration of the new vehicle;

(d) once de-registered, the motor vehicle shall be destroyed in accordance with the provisions of Part VIII of the Registration and Licensing of Motor Vehicles Regulations (SL368.02).

(iv)To qualify, an applicant shall not have benefitted from the grant schemes on the purchase of more environment-friendly cars which were in force in 2010, 2011, 2012 and 2013.

(v) The grant given to the purchaser shall not be assessed as income for income tax purposes.

5. Payment of Grant

Where an applicant qualifies for the grant, the grant shall be deducted by Transport Malta from the total amount of registration tax due on that particular vehicle being registered in the name of the purchaser. The registration tax will then be topped up with the equivalent amount by means of a transfer.

PDF Compressor Pro

L-għotja tingħata wkoll lil dak ix-xerrej li jibbenefika minn eżenzjoni mit-taxxa tar-reġistrazzjoni u, f'każ bħal dak, isiru arranġamenti finanzjarji differenti.

6. Validità tal-applikazzjoni

Applikazzjoni ma titqiesx li tkun ġiet ippreżentata mill-applikant kemm-il darba din ma tkunx ġiet mimlija b'mod sħiħ u ma jkunux ġew ippreżentati magħha d-dokumenti kollha relevanti. Jekk l-applikazzjoni ma tiġix mimlija korrettement u ma jkollhiex magħha d-dokumenti relattivi, it-talba għall-għotja ma tiġix ipproċessata sakemm ma tiġix ipprovduta l-informazzjoni li tkun nieqsa. L-Awtorità għandha tikteb lill-applikant dwar l-informazzjoni li tkun meħtieġa.

7. Rifużjoni tal-għotja jekk il-vettura tiġi ttrasferita

Il-vettura ġdida mixtrija mill-applikant għall-għotja għandha tibqa' rreġistrata f'ismu għal perjodu ta' mill-anqas sitta u tletin (36) xahar mid-data tal-ewwel reġistrazzjoni. Jekk is-sid irreġistrat ta' vettura ġdida li għaliha jkun ingħata għotja taħt din l-iskema jittrasferixxi, għal xi raġuni li ma jkunx trasferiment causa mortis lil xi werriet, l-imsemmija vettura lil terza persuna qabel jiskadi l-perjodu ta' sitta u tletin xahar, hu jkun irid irodd lura l-għotja li jkun irċieva lill-Awtorità.

8. Tul tal-iskema

Din l-iskema tibqa' fis-seħħ għal perjodu massimu ta' tnax-il xahar li jibdew fl-1 ta' Jannar, 2014 sakemm din l-iskema ma tiġix modifikata jew mitmuma qabel iż-żmien permezz ta' Notifikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern. L-iskema tiġi tterminata b'mod awtomatiku meta l-ammont totali ta' għotjiet jilħaq it-€300,000. Madankollu, il-Gvern jista' jittermina l-iskema fi kwalunkwe żmien permezz ta' Notifikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern.

L-iskema tista' tiġġedded kif jitqies li hu meħtieġ mill-Ministru permezz ta' Notifikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern.

9. Emendi għall-iskema

Il-Ministru responsabbli għat-trasport ikollu d-dritt li jagħmel kull tibdil f'din l-iskema permezz ta' Notifikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern.

10. Talbiet b'qerq

Jekk jinstab li talbiet għall-għotja jkunu saru b'qerq, il-Ministeru responsabbli għat-trasport jista' jistitwixxi proċeduri kriminali kontra dawk responsabbli. Fil-każ li jkun sar ħlas żbaljat għal talba, il-Ministeru responsabbli għat-trasport iżomm d-dritt li jirkupra l-flus imħallsa bi żball.

The grant would also be payable when the customer enjoys an exemption from registration tax and, in such a case, separate financial arrangements are made.

6. Validity of application

An application shall not be deemed to have been submitted by the applicant unless it is completed in full and is accompanied by all the relevant documents. If the application is not completed correctly and the relevant documents are not included, the claim for the grant shall not be processed unless the missing information is provided. The Authority shall write to the applicant advising him of the information required.

7. Refund of grant if the vehicle is transferred

The new motor vehicle purchased by the applicant for the grant shall remain registered in his name for a period of at least thirty-six (36) months from the date of first registration. If the registered owner of a new motor vehicle on which a grant has been provided under this scheme transfers the said vehicle, for any reason other than a transfer *causa mortis* to a heir, to a third party before the expiry of the thirty-six month period, then that person shall refund the grant received to the Authority.

8. Duration of scheme

This scheme shall remain into force for a maximum period of twelve months beginning on the 1st January, 2014 unless modified or terminated beforehand by a Notice in the Government Gazette. The scheme shall be automatically terminated when the total amount of the grants reach the amount of €300,000. Notwithstanding, the Government may terminate the scheme at any time by giving prior notice in the Government Gazette.

The scheme may be renewed as deemed necessary by the Minister by a Notice in the Government Gazette.

9. Amendments to the scheme

The Minister responsible for transport shall have the right to make any amendments to this scheme by a Notice in the Government Gazette.

10. Fraudulent claims

Where a fraudulent claim arises, the Minister responsible for transport may institute criminal proceedings against those responsible. In the event of an incorrect payment of a claim, the Ministry responsible for transport reserves the right to recover funds paid in error.

PDF Compressor Pro

11. Rifużjonijiet tal-VAT

Persuni li jirċievu għotja taħt din l-iskema ma jkunux eliġibbli għal xi rifużjoni mill-VAT fuq ix-xiri tal-vettura ġdida li għaliha tkun ingħatat l-għotja.

L-10 ta' Jannar, 2014

11. VAT refunds

Persons who receive a grant under this scheme shall not be eligible for any VAT refunds on the purchase of the new vehicle on which such a grant has been paid.

10th January, 2014